

# News Releases





# Il-Qgħad Irreġistrat: Ġunju tal-2023

NR138/2023 Data tal-Ħruġ: 01 ta' Awwissu 2023

*F'Ġunju tal-2023, in-numru ta' persuni jirreġistraw għax-xogħol kien ta' 875, li huma tnaqqis ta' 79 persuna meta mqabblin mal-istess xahar fl-2022.*




Tagħrif mogħti minn Jobsplus juri li, sena għal sena, f'Ġunju 2023 kien hemm tnaqqis ta' 63 persuna jirreġistraw fl-Ewwel Parti tar-Reġistru tal-Qgħad u tnaqqis ta' 16-il persuna li kienu qegħdin jirreġistraw fit-Tieni Parti tal-istess reġistru (Tabelli nri 5 u 8). It-tnaqqis fir-reġistrar deher fil-biċċa l-kbira tal-gruppi tal-età ħlief f'dawk taħt l-20 sena.

Sena għal sena, kien irreġistrat tnaqqis ta' 41 persuna u 37 persuna fl-għadd ta' dawk li kienu ilhom jirreġistraw għax-xogħol għal inqas minn 21 ġimgħa u fl-għadd tal-oħrajn li kienu ilhom fuq ir-reġistru għal aktar minn sena, rispettivament. Kien hemm ukoll tnaqqis ta' persuna f'dawk li kienu ilhom jirreġistraw bejn 21 u 52 ġimgħa (Tabella nru 2).

F'Ġunju 2023, in-numru ta' persuni b'diżabbiltà li kienu qegħdin jirreġistraw għax-xogħol naqas bi 23 meta mqabbel mas-sena ta' qabel, sabiex laħaq 208 persuni. L-irġiel kienu jgħoddu 77.4 fil-mija tal-għadd sħiħ ta' dawk imniżżlin fir-reġistru tal-qgħad bħala persuni b'diżabbiltà (Tabella nru 3).

L-irġiel u n-nisa fuq ir-reġistru tal-qgħad kienu qed ifittxu l-aktar impjiegi ta' appoġġ klerikali, bi 23.8 fil-mija u 39.0 fil-mija, rispettivament (Tabella nru 4).

## Ċart nru 1. Il-qgħad irreġistrat

